

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 447/2009

tas-27 ta' Mejju 2009

## rigward il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe sottodivizjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati ma' kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanzija msemmija fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni li informazzjoni tariffarja li torbot u li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri rigward il-klassifika tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda imma li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tkompli tiġi invokata mid-detentur għal perjodu ta' tliet xhur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(2)</sup>.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

## L-Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

## L-Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Ġulepp taz-zokkor invers li jikkonsisti fi (% tal-piż):</p> <p>— zokkor (espress bħala sukrożju) 66,5</p> <p>— ilma 31</p> <p>— propylene glycol 2,5</p> <p>Dan il-prodott jintuża <i>inter alia</i> fl-industrija tat-tabakk bħala sustanza umidifikanti u hu offrut bl-ingrossa.</p>	1702 90 95	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kodiċijiet NM 1702, 1702 90 u 1702 90 95.</p> <p>Iż-żieda tal-propylene glycol fl-ammont mogħti ma jbidilx il-karattru tal-prodott b'tali mod li jiġi kkunsidrat bħala prodott kimiku tal-intestatura 3824.</p> <p>Il-prodott għandu l-karattru ta' ġulepp taz-zokkor tal-intestatura 1702.</p>